MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 33/2019/1 LM

**Paul Ellul**
*(l-appellat)*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata, hawnhekk "l-appellanta", **l-Awtorità tal-Artijiet** minn sentenza [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"] tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem "it-

Tribunal"] mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2019, fejn l-imsemmi Tribunal iddeċieda billi laqa' l-appell tar-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Paul Ellul**, filwaqt li rrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-istess Awtorità tal-Artijiet [minn issa 'l quddiem "il-Bord"] tas-26 ta' Frar, 2019[1], [minn issa 'l quddiem "it-tieni deċiżjoni"].

## Fatti

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw it-tieni deċiżjoni fejn il-Bord ċaħad l-applikazzjoni tal-appellat għall-ħruġ ta' *permission to start works* wara li huwa kien ingħata *clearance*[2] mill-appellanta permezz ta' *email* li ntbagħtet mill-Perit Stefan Scotto fit-22 ta' Novembru, 2016 [minn issa 'l quddiem "it-tieni deċiżjoni"].

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa dawn il-proċeduri kontra l-appellanta quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' rikors fejn talab sabiex tiġi mħassra, revokata u/jew riveduta t-tieni deċiżjoni. Min-naħa tagħha l-appellanta opponiet għat-talba tiegħu.

[1] Ara ittra tal-appellant Dok. A a *fol.* 8 tal-atti tat-Tribunal.
[2] Ara *email* Dok. D a *fol.* 13 tal-atti tat-Tribunal.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Fis-7 ta' Ottubru, 2019, it-Tribunal laqa' it-talba tal-appellat wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra:*

*Illi mill-atti jirriżulta illi r-rikorrent applika għal permess mal-Awtorità tal-Ippjanar għal żvilupp fuq art privata, però fl-istess applikazzjoni hemm inkluż* ventilation shaft *li jisporġi fuq il-bankina, liema bankina hija art pubblika. Illi meta l-Awtorità tal-Ippjanar kienet qiegħda tipproċessa l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp, talbet lir-rikorrent iġib* clearance *mingħand it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, liema* clearance *ingħata mingħajr preġudizzju għal deċizjoni finali. Jirriżulta illi sussegwentement, fid-19 ta' Diċembru 2016 l-Awtorità tal-Ippjanar approvat l-iżvilupp propost mir-rikorrent.*

*...*

*Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri xehed il-Perit Stefan Scotto,* Senior Architect and Civil Engineer *mal-Awtorità intimata, li filwaqt li rrikonoxxa illi kien huwa li fl-2016 kien ta l-*clearance *għall-iżvilupp de quo għan-nom tat-Taqsima tal-Proprjetà tal-Gvern, spjega kif kienet il-proċedura dak iż-żmien. Spejga illi skond ċirkolari PA 2/16, ippubblikata mill-Awtorità tal-Ippjanar fid-29 ta' April 2016, jekk xi żvilupp propost ikun se jmiss art tal-Gvern, allura l-applikant ried iġib il-*clearance *minn dak iż-żmien it-Taqsima tal-Proprjetà tal-Gvern (fn. 1 A fol. 76). Iktar minn hekk, fis-17 ta' Ġunju 2016 l-Awtorità tal-Ippjanar kienet ħarġet avviż lill-Periti kollha illi qabel ma tiġi sottomessa applikazzjoni ta' żvilupp fuq art tal-Gvern, l-applikant kien obbligat iġib il-*clearance *mit-Taqsima tal-Proprjetà tal-Gvern, liema* clearance *kellha tingħata risposta fi żmien ġurnata fir-rigward ta' numru ta' applikazzjonijiet (fn. 2 A fol. 80). L-applikazzjoni odjerna kienet proprju tidħol f'kategorija minnhom u ċioé "*development within scheme (excluding development on the foreshore)".

*Għaldaqstant, il-Perit Scotto spjega illi l-*clearance *ħarget mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni finali.*

*Illi r-rikorrent jikkontendi illi ladarba ma tbiddel xejn mill-proposta oriġinali tiegħu, issa l-Awtorità intimata ma tistgax toġġezzjona għax-xogħol kif approvat mill-*

*Awtorità tal-Ippjanar. Jisħaq ukoll li ladarba l-awtorità direttament konċernata mill-komunkazzjoni ta' servizzi ma oġġezzjonatx għal tali proġett, l-Awtorità intimata ma kellha l-ebda raġuni għala toġġezzjona. Iktar minn hekk jargumenta illi r-raġuni li tat l-Awtorità fid-deċiżjoni tagħha hija waħda ipotetika u li kieku jinqala' l-bżonn imsemmi mill-Awtorità fid-deċiżjoni tagħha, l-istess Awtorità għandha kull poter li tipproċedi għall-installazzjoni tal-infrastruttura neċessarja.*

*Illi wara li eżamina l-provi mressqa u s-sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet, it-Tribunal jirrileva illi jista' jkun il-każ li l-predeċessur tal-Awtorità intimata m'għamilx xogħolu sew meta ta n-*no objection in principle*. Dan qed jingħad għaliex ma tbiddel xejn mid-data tan-*no objection *sad-data tal-applikazzjoni sabiex jibdew ix-xogħlijiet. Għalkemm jista' jkun li kien hemm termini qosra, ta' ġurnata, sabiex il-predeċessur tal-Awtorità joħroġ il-*clearance *tiegħu, ta' dan ċertament m'għandux x'jaħti l-applikant. Fl-opinjoni tat-Tribunal, biex l-Awtorità intimata ma tagħtix permess finali wara li jkun hemm il-clearance iridu jitbiddlu b'mod sostanzjali ċ-ċirkostanzi u l-fatti li allura jagħtu lok li l-Awtorità ikollha raġun tirrifjuta li tagħti permess finali.* ***<u>F'dan il-kaz</u> <u>baqa' kollox identiku</u>****. Filwaqt li huwa minnu li l-clearance ħareġ bil-kundizzjoni li "*the GDP reserves the right to refuse granting the necessary final clearance for any planning permit which may be issued" *dan ma jfissirx illi xi ħaġa li setgħet faċilment tiġi nnutata* ab initio *tkun ta' ostakolu eventwalment meta l-applikant japplika għall-permess finali. Inkella x'sens għandha n-*no objection in principle*? Ma jagħmilx sens li l-Awtorità intimata tagħti n-*no objection in principle*, l-applikant jidħol fi spejjeż mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jottjeni permess u mbagħad jerġa' jmur bl-istess fatti u ċirkostanzi għand l-Awtorità intimata u jsib ma' wiċċu bieb magħluq u raġunijiet ġodda għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu. It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi d-deċiżjoni tan-*no objection in principle *toħloq aspettattiva leġittima da parti tal-applikant li jekk ma jinbidel xejn mill-fatti sottomessi quddiem l-Awtorità allura ikun hemm stennija illi l-Awtorità tapprova dak li ma kellhiex oġġezzjoni fil-prinċipju fuqu. Dan naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kundizzjonijiet, bħal ħlasijiet u restrizzjonijiet oħra, li l-Awtorità intimata tista' timponi għal kwalunkwe konċessjoni mogħtija minnha. Inoltre, t-Tribunal jirrileva li f'dan l-appell huwa seta' jittratta biss dwar ir-raġuni tar-rifjut mogħtija fid-deċiżjoni appellata, u kwindi ma setax jidhol fi kwistjonijiet ohra li jistgħu ikunu pertinenti għal dan il-każ bħal pereżempju x'titolu wieħed irid ikollu biex isir l-iżvilupp propost.*

*Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent kellu aspettativa leġittima wara n-*no objection in principle *tal-Awtorità intimata datata 22 ta' Novembru 2016 li l-Awtorità intimata ma jkollha l-ebda oġġezzjoni għal dak propost, dan naturalment taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi.*

*Għaldaqstant id-deċiżjoni appellata qiegħda tiġi revokata."*

## L-Appell

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-25 ta' Ottubru, 2019, fejn filwaqt li tgħid li tħoss ruħha aggravata bis-sentenza appellata, tressaq is-segwenti aggravji għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti: (a) it-Tribunal ma ddeċidiex sew meta qal li fejn l-appellanta ma tagħtix permess finali wara li tkun tat il-*clearance*, għandu jirriżulta li jkunu tbiddlu sostanzjalment iċ-ċirkostanzi; (b) l-appellanta kienet taqbel li t-Tribunal kellu jikkunsidra kwistjonijiet oħra pertinenti għall-każ, iżda kien proprju t-Tribunal li ħallat il-kwistjoni ta' *no objection in principle* mal-mertu tal-applikazzjoni; (ċ) meta t-Tribunal ikkunsidra l-aspettattiva legittima tal-appellat, huwa mar 'l hinn minn dak li kien dovut jikkunsidra; u (d) l-appellanta kellha diskrezzjoni assoluta fl-amministrazzjoni tal-art tal-Gvern.

## Ir-Risposta tal-Appell

6. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat isostni li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha u jagħti r-raġunijiet tiegħu għal dan, liema raġunijiet ser jiġu kkunsidrati aktar 'l isfel f'din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, flimkien mar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl ta' dak li kkunsidra u ddeċieda t-Tribunal.

8. L-appellanta tispjega dan l-ewwel aggravju tagħha billi tgħid li mit-terminoloġija *clearance in principle* huwa ċar li mhux qed jingħata *clearance* fil-mertu. Tagħmel riferiment għax-xhieda tal-Perit Scotto li min-naħa tiegħu kien għamel riferiment għal *email* mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar fis-17 ta' Ġunju, 2017, u ssostni li hawnhekk il-kwistjoni ma tittrattax bidla fiċ-ċirkostanzi.

9. It-tieni aggravju jkompli fuq l-ewwel wieħed. Filwaqt li tagħmel riferiment għall-osservazzjoni tat-Tribunal li huwa seta' biss jikkunsidra r-raġuni għar-rifjut mogħtija fid-deċiżjoni appellata u ma setax jeżamina kwistjonijiet oħra bħal pereżempju t-titolu neċessarju sabiex isir l-iżvilupp propost, l-appellanta tgħid li hija kienet taqbel ma' dan. Iżda t-Tribunal kien ħallat il-kwistjoni tan-*no objection in principle* mal-mertu tal-applikazzjoni.

10. It-tielet aggravju huwa pjuttost marbut mal-ewwel aggravju. L-appellanta qabelxejn tissottometti li meta t-Tribunal ikkunsidra li l-ewwel deċiżjoni tagħha tan-*no objection in principle* kienet ħolqot aspettattiva leġittima fir-rigward tal-appellat, dan kien mar lil hinn minn dak li kien marbut

jikkunsidra sabiex jiddeċiedi jekk it-talbiet tal-appellat kinux infondati jew le. L-appellanta tiċċita s-sentenza fl-ismijiet **Suzanne Frendo et vs. L-Awtorità tal-Artijiet** deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-6 ta' Mejju, 2019. Tkompli billi tgħid li fl-ewwel lok ma kienx ikun hemm bżonn ta' żewġ stadji jekk in-*no objection* kienet ukoll tfisser *no objection in principle and on the merits*. Fit-tieni lok, tgħid li l-ewwel deċiżjoni kienet saret mingħajr preġudizzju għat-tieni deċiżjoni.

11. Fl-aħħar aggravju tagħha u b'riferiment għall-fatt li entitajiet oħra ma kellhom l-ebda oġġezzjoni dwar l-infrastruttura li setgħet tkun neċessarja fil-futur, l-appellanta tisħaq li l-liġi kienet tagħtiha d-diskrezzjoni assoluta fl-amministrazjoni tal-art tal-Gvern, saħansitra din il-kwistjoni lanqas fuq it-Tribunal ma kienet tiddependi.

12. Min-naħa tiegħu l-appellat jibda billi jispjega fir-rigward tal-ewwel aggravju, li kien wara li żviluppa l-proprjetà u wasal għall-*compliance certificate* li huwa kien ġie infurmat bl-oġġezzjoni min-naħa tal-appellanta għal raġunijiet ta' infrastruttura pubblika. L-appellat jgħid li jekk qatt setgħet tkun valida, din ir-raġuni kellha tingħata mill-ewwel. Jinsisti li n-*no objection in principle* tal-ewwel deċiżjoni, kuntrarjament għal dak li qiegħda tgħid l-appellanta, kellha piż. Filwaqt li l-appellat jirrikonoxxi li l-approvazzjoni mogħtija mill-Perit Scotto permezz tal-ewwel deċiżjoni kienet tgħid li *"GPD reserves the right to refuse granting the necessary final clearance for any planning permit which may be issued",* l-appellanta ma setgħetx tagħti r-rifjut tagħha meta (a) ma nbiddlux iċ-ċirkostanzi; (b) ir-raġuni faċilment setgħet

ingħatat mill-ewwel. Għalhekk sewwa kien iddeċieda t-Tribunal u d-differenza bejn il-mertu u l-prinċipju magħmula mill-appellanta kienet biss skuża min-naħa tagħha sabiex tiġġustifika l-inkonsistenza tagħha. Dwar dan il-punt aħħari, l-appellat jagħmel riferiment għal dak li jingħad f'*Administrative Law* minn Wade & Forsyth fil-materja.

13. Dwar it-tieni aggravju, l-appellat jilqa' billi jissottometti li dan ma jinftiehemx. Jirrileva li matul il-proċeduri, l-appellanta bdiet tressaq sottomissjonijiet ġodda għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal, waħda minnhom li l-appellat kellu juri x'titolu għandu fuq l-art inkwistjoni. L-appellat jirrileva li din ma kinitx ir-raġuni tar-rifjut tal-Bord permezz tat-tieni deċiżjoni fejn ikkunsidra li *"...xogħlijiet taħt il-bankina jistgħu jippreġudikaw l-użu tal-bankina għall-infrastruttura pubblika".*

14. L-appellat iwieġeb għat-tielet aggravju billi qabelxejn jissottometti li l-aspettattiva leġittima kienet saħansitra ssemmiet fir-rikors promotur u saru sottomissjonijiet estensivi dwar dan il-prinċipju fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Ikompli billi jitfa' dubju dwar jekk wieħed jistax jistrieħ fuq is-sentenza ċitata mill-appellanta fid-dawl li l-fattispeċje ma kinux l-istess bħal fil-każ odjern. L-appellat jgħid li aktar rilevanti hija l-każistika ta' din il-Qorti fejn kien hemm rifjut min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar li jinħareġ *full development permit* wara li jkun ingħata *outline development permit* u jagħmel ukoll riferiment għal artikolu miktub mill-awtur Paul Reynolds dwar *"Legitimate Expectations and the Protection of Trust in Public Officials".*

15. Dwar l-aħħar aggravju mressaq mill-appellanta, l-appellat jissottometti li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li hija kellha d-diskrezzjoni assoluta fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-art tal-Gvern. Iżda peress li l-Bord fit-tieni deċiżjoni semma' l-infrastruttura pubblika bħala raġuni għar-rifjut, l-appellat min-naħa tiegħu kien ġab prova li anki l-entitajiet li kienu jieħdu ħsiebha ma kellhomx oġġezzjoni għall-iżvilupp propost. Dan aktar u aktar kien idagħjjef id-deċiżjoni tal-appellanta fil-mertu.

16. It-Tribunal filwaqt li osserva li ma kien tbiddel xejn mid-data li kienet ingħatat in-*no objection* sad-data tal-applikazzjoni sabiex jibdew ix-xogħlijiet, irrileva li seta' kien il-każ li l-predeċessur tal-appellanta ma kienx għamel ix-xogħol tiegħu sew meta ta n-*no objection in principle.* Veru li t-terminu ta' ġurnata sabiex jiġi deċiż jekk jingħatax il-*clearance* kien qasir, iżda ta' dan qal it-Tribunal ma kellux jaħti l-appellat. It-Tribunal kien tal-fehma li sabiex ma jingħatax il-permess finali wara li jkun ingħata l-*clearance in principle,* kellu jirriżulta li tbiddlu b'mod sostanzjali ċ-ċirkostanzi u l-fatti tali li l-appellanta jkollha raġun għar-rifjut. It-Tribunal iddikjara li fil-każ odjern kollox kien baqa' l-istess. Ikompli jispjega li ħaġa li setgħet tinnota l-appellanta *ab initio,* ma kellhiex tkun ta' ostakolu meta l-applikant japplika għall-permess finali. Altrimenti il-ħruġ tan-*no objection in principle* ma kienx jagħmel sens. Dan kollu, jirrileva t-Tribunal, ħoloq aspettattiva leġittima fl-appellat li l-appellanta kienet ser tilqa' dak li fil-prinċipju ma kienet sabet l-ebda oġġezzjoni għalih.

17. Din il-Qorti tosserva wkoll li ma tirriżulta l-ebda ċirkostanza ġdida minn meta l-Perit Scotto bagħat l-*email* tiegħu fit-22 ta' Novembru, 2016, fejn

ikkomunika lill-appellat il-*clearance* min-naħa tal-*Government Property Department* sad-data meta l-Bord irrifjuta li jagħti l-permess tiegħu sabiex jibdew ix-xogħlijiet relattivi. Iżda din il-Qorti ma taqbilx mat-Tribunal meta dan jissuġġerixxi li l-bidla fid-deċiżjoni kien jaħti għaliha l-Perit Scotto għaliex dan ma kienx għamel ix-xogħol tiegħu sew.

18. Din il-Qorti hija tal-fehma li r-raġuni aktar setgħet kienet pjuttost waħda amministrattiva fejn il-*policies* ma baqgħux l-istess minn meta ir-responsabbilitajiet tal-*Government Property Department* ġew trasferiti lill-Awtorità tal-Artijiet. Għalhekk ma jista' jsir l-ebda paragun mal-ħruġ ta' permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar kif qed jissuggerixxi l-appellat.

19. Dan tgħidu l-Qorti fid-dawl ta' kliem il-Perit Stefan Scotto meta fix-xhieda tiegħu qal *"Ara, fl-antik meta konna għadna Government Property Department kien hemm każijiet fejn tajna ventilation shafts. Issa minn mindu sirna Lands Authority m'iniex aware illi tajna dawn il-clearances."*[3] Fil-każ odjern jirriżulta li n-*no objection in principle* kien iffirma għaliha l-istess xhud fit-22 ta' Novembru, 2016, fiż-żmien li kienet għadu jiffunzjona l-*Government Property Department.* Sussegwentement permezz tal-Att XLIII tas-sena 2016, ġiet imwaqqfa l-Awtorità tal-Artijiet, jiġifieri l-appellanta, u l-funzjonijiet tagħha kif imfissra permezz tal-artikolu 7 ta' dak l-Att kienu jħaddnu wkoll dawk li qabel kienu jiġu eżegwiti mill-*Government Property Department.* Għalhekk jidher li saħansitra l-proċedura nbidlet b'tali mod li d-deċiżjoni kienet mill-ewwel tittieħed mill-Bord li ma kienx favur aktar li tingħata *clearance* fir-

[3] Xhieda udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2019.

rigward ta' *ventilation shafts.* Għalhekk permezz tal-ittra tagħha tat-28 ta' Frar, 2019, l-appellanta infurmat lill-appellat li l-applikazzjoni tiegħu għal *permission to start works* kienet ġiet irrifjutata. Jgħid għalhekk ix-xhud li b'din il-proċedura l-ġdida, jekk il-Bord ma kienx ser joħroġ il-*clearance,* allura dan isir mill-ewwel.

20. Iżda din il-Qorti xorta waħda ma tqisx li din hija raġuni tajba sabiex tiġġustifika li l-appellanta tmur kontra l-ewwel deċiżjoni tagħha. Kif sewwa rrileva t-Tribunal, ma tirriżulta l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi ta' kwalunkwe natura li kienet tagħti lill-appellanta raġuni tajba sabiex tmur kontra l-ewwel deċiżjoni tagħha. Sewwa wkoll irrileva t-Tribunal li dan kollu ħoloq aspettattiva leġittima da parti tal-appellat li l-appellanta kienet ser timxi fuq l-ewwel deċiżjoni tagħha. Huwa minnu li l-appellanta kienet marbuta li tiddeċiedi dwar it-talba tal-appellat fi żmien ferm qasir ta' erbgħa u għoxrin siegħa, iżda t-talba tal-appellat kienet pjuttost sempliċi u ċara u dan jingħad b'riferiment għall-pjanti annessi mal-kopja tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp[4] ippreżentati lill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa minnu wkoll li l-ewwel deċiżjoni ngħatat taħt numru ta' kundizzjonijiet, iżda dawn ftit li xejn jistgħu jinftiehmu meta wieħed iqis li ma kienx hemm dubju li l-appellat ma kienx il-proprjetarju tal-porzjon ta' art fejn kien ser iħaffer *ventilation shaft.* Dan kollu meħud inkonsiderazzjoni mal-fatt li min-naħa tagħha l-appellanta naqset li turi b'mod sodisfaċenti li sussegwentement għall-ewwel deċiżjoni tagħha, kienet irriżultat xi ċirkostanza li waslitha sabiex tbiddel il-fehma tagħha, din il-Qorti ma tistax

[4] A *fol.* 86 tal-atti tat-Tribunal

tqis li l-appellanta kienet ġustifikata fit-tieni deċiżjoni tagħha. Anki jekk din il-Qorti kellha taċċetta l-argument tal-appellanta li t-tħassir tal-ewwel deċiżjoni kienet ġustifikata għaliex kien biss sussegwenti għal tali deċiżjoni li ġie trattat il-mertu, argument li din il-Qorti tqis bħala wieħed għalkollox fallaċi.

21. Kif sewwa jgħid l-appellat, it-tieni aggravju tal-appellanta mhuwiex ċar. L-appellanta bħal donnu kienet qiegħda tippretendi li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata kellu jikkunsidra li n-nuqqas ta' titolu tal-appellat bħala raġuni tajba għad-deċiżjoni tal-Bord. Iżda kif sewwa osserva t-Tribunal, huwa kien marbut li jiddeċiedi l-appell tal-appellat fil-parametri tad-deċiżjoni li minnha kien qed jappella.

22. Il-Qorti tikkunsidra l-aħħar aggravju bħala pjuttost irrilevanti. Ma jidhirx li t-Tribunal daħal fil-kwistjoni ta' min għandu d-diskrezzjoni li jamministra l-art tal-Gvern, u kif jissottometti l-appellat, m'hemmx kontestazzjoni dwar lil min il-liġi kienet tagħti din id-diskrezzjoni.

23. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellanta ġustifikati u qiegħda tiċħadhom.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell billi tiċħdu filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**